MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 55/1997/1

Joseph R. Fenech B.A.
vs
Ministru ghall-Edukazzjoni u
Direttur ta' l-Edukazzjoni

It-Tribunal,

RIKORS:
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta li hu kien "Assistant Head" fl-iskola tal-bniet f'St. Adwrews minn Settembru 1982 fejn dam hekk jahdem ghal hames snin. Sentejn minnhom anke agixxa bhala "Acting Head of School".
Illi f'dak il-perjodu r-rikorrent hadem bla waqfien biex itejjeb il-kundizzjonijiet ta' l-iskola u kien hu li introduca "Annual School Magazine", l-unika skola li kienet taghmel dan, u anke mix-xejn holoq "Visual Aid Room" b'apparat u gadgets kollha mehtiega ghall-ahjar zvilupp edukattiv ta' l-istudenti.

Illi minn Mejju tal-1987 sa Ottubru, 1996 ir-rikorrent sofra ingustizzji minhabba trattament li kien ghal kollox inuman u degradanti u fil-qosor kien jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi f'Ottubru tal-1984, ir-rikorrent ma kienx ippartecipa fl-istrike ordnat mill-Malta Union of Teachers. Dak in-nhar ir-rikorrent la hassu moralment u lanqas legalment obbligat joqghod ghal din l-ordni u hass li l-akbar dmir li kellu kien li ma jabbandunax lill-istudenti tieghu, aktar u aktar meta kien jidher car li dan l-istrike kien ser ikun wiehed indefinit.

Illi l-ewwl mizura "punittiva" li sofra r-rikorrent immaturat lejn l-ahhar ta' Ottubru, 1987, meta gie trasferit mill-iskola Sekondarja ta' St. Andrews ghall-iskola tal-bniet tas-Samra tas-Snajja, bil-pretest "due to exigency ot the service". Dakinhar ma kienx l-uniku Assistant Head li qala' dan it-transfer izda kien hemm ohrajn. Kollha kemm huma kellhom fattur wiehed komuni: li hadd minnhom ma ppartecipa fl-azzjoni industrijali ta' Ottubru, 1984 ordnata mill-M.U.T.;

Illi r-rikorrent ghadda erba' snin skolastici fl-iskola tas-Samra u cioe` mill-1987/88 sa 1990/91. Xogholu kien prattikament ma jaghmel xejn.  Ir-rikorrent hassu umiljat maghluq f'kamra li ttiehdet mit-Tuck Shop b'mejda u siggu u b'telephone dekorattiv ghax lanqas kien ikkonnettjat. Ghadda l-ahjar zmien tal-professjoni f'din il-kamra jaghmel ftit xoghol ta' ftit minuti ghar-riha tal-pizzez u l-pastizzi meta seta' ta hafna aktar.  Ghadda erba' snin f'kamra minghajr arja, umduza u minghajr toilet. Ir-rikorrent mill-ewwel okkorrielu li l-iskuza ta' l-esigenzi tax-xoghol kienet wahda fazulla u kienet biss forma ta' mizura punittiva umiljanti.

Illi kien jidher car li r-rikorrent mhux tassew kien hemm bzonnu fl-iskola tas-Samra u tant ma kellux xoghol allokat ghalih li sahansitra rnexxielu jattendi zewg korsijiet fl-Universita` ta' Malta.

Illi r-rikorrent issubixxa dan it-trattament xejn civili bit-tama li jsib impieg alternattiv li sfortunatament ma sabx. Tant

kien qieghed ihossu degradat illi kien hemm mumenti li s-sitwazzjoni bdiet taffettwalu avversament sahhtu, ghax bhala persuna habrieka n-nuqqas ta' xoghol beda jaffettwah hazin u sahansitra kien beda jahseb ghandux jigi "boarded out" milli jkompli jigi umiljat;

Illi r-rikorrent applika darbtejn ghal post ta' "Head of School";

Illi fl-ewwel okkazjoni l-Bord ta' l-Ghazla kien maghmul minn O.P. Paul Heywood, Ms. Ninette Borg Grech u Ms. Anna Caruana Colombo. "Fl-ordni tal-mertu gie t-38 wiehed minn 40 u qabzuh persuni li ghandhom anqas anzjanita`, inqas kwalifiki u inqas esperjenza minnu fil-qasam ta' l-amministrazzjoni ta' skola u dan kif kellu jigi ippruvat fil-kors tas-smiegh tar-rikors;

Illi fl-1992 rega' applika ghall-istess post.  Din id-darba l-Bord ta' l-Ghazla kien kompost fost ohrajn minn Ms. Ninette Borg Grech bhala Chairperson. Ghal darba ohra r-rikorrent gie t-30 wiehed minn erbghin kandidat u sar "Head of School" minhabba anzjanita`. Il-kontradizzjoni tinsab fil-fatt li filwaqt li l-Bord ikkunsidra lir-rikorrent bhala mhux idoneju fl-istess hin sar "Head of School" kif inghad, ta' Skola Primarja fejn qatt ma kellu ebda esperjenza edukattiva jew amministrattiva;

Illi wara dan kollu r-rikorrent kompla jsofri sensiela ta' azzjonijiet, li jkollu cans u opportunita` li jispjegahom lil dan it-Tribunal li jindikaw b'mod car kemm ir-rikorrent tassew sofra ingustizzji li lanqas min ghandu xi xorta ta' htija ma jimmeritahom, ahseb u ara r-rikorrent li dejjem kien innocenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal joghgbu jirrimedja l-ingustizzja li sofra u dan billi jigi moghti kumpens jew jinghata dak li kien haqqu jircievi fic-cirkostanzi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

ECCEZZJONIJIET:

Ra r-risposta tal-Ministru ghall-Edukazzjoni u tal-Agent Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepew:

Illi t-transfer mahrug mis-Sur F. Fearne, Direttur ta' l-Edukazzjoni, fil-21 ta' Ottubru 1987 mill-iskola sekondarja ta' St. Andrews ghall-iskola tas-snajja tas-Samra, kien skond l-esigenzi tas-servizz (ara dokument A). Fl-iskola fejn gie mibghut is-Sur Fenech kien hemm post ta' Assistant Kap u kellu doveri x'jaqdi f'din l-iskola.

Illi mill-file personali tas-Sur Fenech, ma jidhirx li qatt ilmenta mill-istat hazin li qieghed jallega li kien jahdem fih fl-iskola tas-Snajja "Tas-Samra".

Illi l-promozzjoni ghal kap ta' skola kienet tinghata skond il-Ftehim ezistenti bejn il-Gvern u l-Union, jigifieri 60% tal-vakanzi jimtlew bis-seniority filwaqt li 40% jimtlew b'ghazla mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wara sejha ghall-applikazzjonijiet. Jidher li s-Sur Fenech gie lura fir-rizultati ta' l-applikazzjonijiet u l-vakanzi ezistenti mtlew minn dawk li gew qablu. Meta nholqot vakanza ta' Kap ta' Skola Primarja, li kellha timtela' by seniority, huwa gie moghti din il-promozzjoni, skond il-procedura normali, ghax kien imissu skond is-seniority list mizmuma mit-Taqsima tar-Rizorsi Umani.

Ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

PROVI:
Illi r-rikorrent ilmenta fuq tliet aspetti u cioe`:

1. Meta lejn l-ahhar ta' Ottubru, 1987, gie trasferit mill-iskola Sekondarja ta' St. Andrews ghall-iskola tal-bniet tas-Samra tas-Snajja;
2. Meta ma hax il-promozzjoni fl-1991 ghal post ta' Head of School;
3. Meta ma hax il-promozzjoni fl-1992 ghal post ta' Head of School.

Fil-verbal tas-6 ta' Ottubru 1998 il-partjiet qablu li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq dawn it-tliet aspetti u li l-ewwel u t-tielet ilment ma gewx investigati mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji waqt li dwar it-tieni ilment dan irid jigi investigat.

Dwar il-promozzjoni tal-1991 ir-rikorrent kellu ilment simili quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi izda lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzi ma "rrizultalhiex sodisfacentement li saru kontra tieghek ingustizzji fit-termini ta' l-Att XV tal-1987." Issa l-artikolu 6 (2) tal-Kap 394 jghid:

"Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti."

In vista ta' dan fl-14 ta' Marzu 2000 giet irtirata t-talba tar-rikorrent dwar il-promozzjonijiet tal-1991.

Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn ilmenta minn diskriminazzjoni bejn l-1987 u l-1996 u allega li din sehhet wara strajk organizzat mill-Malta Union of Teachers fl-1984 li hu ma kienx ha sehem fih. Qal li hu ma kienx membru ta' din il-union. Sostna li l-ewwel punizzjoni li sofra kienet f'Ottubru 1987 meta nghata transfer vendikattiv ghall-iskola tas-snajja tal-bniet f'tas-Samra fil-Hamrun. Qal li dan it-trasferiment holoqlu hardships personali, familjari, finanzjarji u logistici. Qal li dak iz-zmien ma kienx hu biss li kien gie trasferit izda kienu grupp ta' Assistant Heads u li kien hemm komuni fosthom

kien li hadd minnhom ma ha sehem fl-istrajk tal-MUT fl-1984. Semma li t-tieni punizzjoni li kien ha kien li thalla ma jaghmel xejn ghal erba' snin. Kien inghata biss ix-xoghol li jqassam il-lezzjonijiet ta' dawk l-ghalliema assenti lill-ghalliema l-ohra prezenti. Zied ighid li fl-ahhar snin kien involut ftit aktar fid-dixxiplina fl-iskola. Qal li l-kamra li nghata kienet in-naha l-ohra tal-iskola u l-ufficcju li nghata kien bla arja, kollu moffa u umduz. Semma li din is-sitwazzjoni kien ikollha effett hazin fuq sahhtu.

Qal li kien applika darbtejn ghall-post ta' Kap ta' skola. Qal li f'Settembru 1991 gie trasferit ghall-iskola primarja ta' Hal-Kirkop bhala Kap ta' skola. Spjega li izda hu fil-fatt inghata l-appointment ta' Kap ta' Skola fit-8 ta' Mejju 1992 u qal li dan bi ksur sfaccat tal-Ftehim bejn il-gvern u l-MUT. Semma wkoll li ftit qabel ma sar Kap ta' Skola by seniority fit-8 ta' Mejju 1992 kien applika ghall-post ta' Kap ta' Skola by seniority and merit. Qal li ma kienx ghadda u sostna li kandidati b'anqas kwalifiki akkademici u b'anqas seniority u ferm anqas esperjenza gew qablu.

Qal li hu kien jiehu sehem fil-process tal-ezamijiet u kien jiehu hsieb ix-xoghol kollu konness ma' dan, li kien jikkonsisti f'gimgha jew hmistax xoghol. Qal li hu kien ilu 9 snin Assistant Head qabel mar il-Hamrun u fl-iskola ta' qabel kien jiehu sehem ukoll f'diskussjonijiet mhux biss fuq kurrikulum, izda fuq korsijiet godda, dixxiplina, ezamijiet, vizitaturi u affarijiet ohrajn. Qal li hassu umiljat fl-iskola l-Hamrun li wara l-esperjenza vasta tieghu nghata t-tqassim tal-extra lessons. Spjega li ovvju li kien imdejjaq meta ntbaghat l-iskola tal-Hamrun wara li rcieva biss telefonata biex jibda jirraporta ghax-xoghol hemmhekk izda l-ftit xoghol li kellu dejjem ghamlu u ghamlu sew u kien jiehu inizjattiva jekk jara xi haga mhix ghaddejja sew, izda semma li isfel kien hemm biss xi 6 klassijiet u l-bqija tal-klassijiet kienu fuq, ghalhekk ix-xoghol ma kienx wisq u qal li f'affarijiet ohra ma setax jiehu inizjalttiva propju ghax ix-xoghol kellu jkun delegat lilu mill-Kap ta' l-iskola.

Gie prezentat affidavit ta' David Caruana li fih intqal li kien jghallem l-iskola tas-snajja tal-bniet f'tas-Samra l-Hamrun. Qal li f'Ottubru 1987 kien mar ir-rikorrent bhal Assistent

Kap tal-iskola. Spjega li l-ufficju tal-Kap ta' l-iskola u s-segretarji kienu jinsabu fl-Administrative Block, filwaqt li l-ufficju tar-rikorrent kien fil-practical block f'kamra kollha umdita u bla arja. Qal li xoghol ir-rikorrent kien li jqassam il-lezzjonijiet tal-ghalliema assenti. Waqt l-ezamijiet kien iqassam il-karti tal-ezamijiet u qabel ma spicca mill-iskola nghata wkoll responsabbilta` ta' dixxiplina.

Gie prezentat affidavit ta' Benny Dingli li fih intqal li kien ghalliem fl-iskola tas-Samra l-Hamru u li fl-1987 kien mar ir-rikorrent bhala Assistent Kap ta' Skola. Spjega li l-ufficju tal-Kap ta' l-iskola u s-Segretarju kienu jinsabu fl-Administrative block filwaqt li l-ufficju tar-rikorrent kien fil-practical block f'kamra kollha umidita u bla arja. Qal li xoghol ir-rikorrent kien li jqassam il-lezzjonijiet tal-ghalliema assenti waqt l-ezamijiet, iqassam il-karti ta' l-ezamijiet u qabel ma spicca mill-iskola nghata wkoll responsabbilta` ta' dixxiplina.

Gie prezentat affidavit ta' Anna Zammit ghalliema f'tas-Samra l-Hamrun li fih intqal li r-rikorrent kien gie bhala Assistent Kap ta' Skola f'Ottubru 1987. Spjegat li l-ufficcju tal-Kap tal-iskola u tas-Segretarji kienu fl-Administrative block, filwaqt li l-ufficju tar-rikorrent kien fil-practical block, f'kamra kollha umdita` u bla arja. Qalet li xoghol ir-rikorrent kien li jqassam il-lezzjonijiet tal-ghalliema assenti, waqt l-ezamijiet iqassam il-karti tal-ezamijiet u qabel ma spicca mill-iskola nghata wkoll responsabbilta` ta' dixxiplina.

Fl-affidavit ta' Antonia Farrugia ghalliema f'tas-Samra ntqal li f'Ottubru 1987 kien mar ir-rikorrent bhala Assistant Kap ta' Skola. Spjegat li l-ufficcju tal-Kap tal-iskola u tas-Segretarji kienu fl-Administrative block, filwaqt li l-ufficju tar-rikorrent kien fil-practical block, f'kamra kollha umdita` u bla arja. Qalet li xoghol ir-rikorrent kien li jqassam il-lezzjonijiet tal-ghalliema assenti, waqt l-ezamijiet iqassam il-karti tal-ezamijiet u qabel ma spicca mill-iskola nghata wkoll responsabbilta` ta' dixxiplina.

Xehdet Antoinette Borg Grech li qalet hi kienet appuntata fil-Bord mill-P.S.C. u qalet li hi ma setghetx tixhed minhabba regulations 8 u 10 tal-1960 tal-P.S.C.

Xehed Charles Mizzi Direttur Generali tal-Edukazzjoni li qal fl-1995 kien membru fis-selection board ghall-grad ta' Education Officer, Secondary Administration izda peress li hu kien appuntat mill-P.S.C. kien prekluz milli jixhed.

Xehdet Carmelina Debono li qalet li kienet membru tal-bord fl-1995 ghall-grad ta' Education Officer Secondary Administration u li kienet prekluza mill-P.S.C. li tixhed dwar dan.
Xehed Mario Cacciattolo Direttur tal-Finanzi fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li qal fir-rigward tal-hatriet ghall-Kap ta' skola, il-P.S.C. kienet inkarigata minn dan u mhux id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u dawk li gew mahtura kien persentagg minnhom abbazi ta' seniority u ohrajn permezz ta' intervista.  Qal li r-rikorrent ma kienx intghazel u dan ma kienx ifisser li ma kienx ghadda izda ma kienx intghazel skond in-numru ta' vakanzi li kien hemm.  Qal li s-seniority list tinzamm u hi responsabbilta` tal-Education Division li tinzamm.  Semma li fil-fatt ir-rikorrent ha l-hatra skond is-seniority.  Fir-rigward tal-ezercizzju ghall-promozzjonijiet qal li jekk id-Divizjoni tal-Edukazzjoni tigi mistoqsija dwar ir-rizultat, din ma tistax twiegeb, propju ghax dan johrog taht ir-regoli u l-approvazzjoni tal-P.S.C.

In kontro ezami hu qal li r-rikorrent kien ghadda imma ma kienx intghazel man-numru ta' nies li gew appuntati.  Qal li r-rikorrent ha l-hatra ta' Kap skond is-seniority list li hemm fid-Dipartiment.  Qal ukoll li meta kien imissu r-rikorrent jilhaq Kap inzerta li f'dak iz-zmien il-vakanzi kienu fl-iskejjel primarji u dan jirrizulta mid-dokumenti tad-Dipartiment.  Qal li mid-dokumenti ma jirrizulta xejn dwar l-istat tal-Kamra tal-ufficju tar-rikorrent fl-iskola Hamrun jew dwar in-nuqqas ta' xoghol tieghu hemmhekk.  Qal li jirrizulta izda li r-rikorrent kien ilmenta dwar il-postings tieghu fl-iskejjel kemm tal-Hamrun u ta' Hal-Kirkop peress li hu kien joqghod ta' l-Ibragg u dawn iz-zewg postijiet kienu kemmxejn il-boghod.  Qal li dan hu dokumentat

peress li hu kien qed jilmenta wkoll minn spejjez biex jivvjagga.  Qal li r-raguni li r-rikorrent kien inghata fir-rigward tat-trsferiment kienu l-esigenzi tas-servizz.  Izda semma li hemm dokumentat li l-iskola fejn kien qabel ir-rikorrent f'St Andrews naqset il-popolazzjoni u ma baqghetx intitolata ghal Assistent Head.  Qal li r-rikorrent sar Kap ta' l-iskola primarja ta' Hal-Kirkop meta kien imissu bis-seniority izda hu rega' lmenta minhabba li l-post kien il-boghod.  Dwar iz-zewg intervisti ghal Education officer u ghal dak ta' Y.S.O., kien gie l-ewwel ghaz-zewg postijiet l-istess persuna li kien Alfred Mallia.  Hu ghazel il-post ta' Y.S.O. u gie mahtur Education Officer dak li kien ikklassifikat it-tieni.

Xehed David Degabriele Assistant Director Rizorsi Umani li qal li kien ser jixhed mid-dokumenti fejn jidher li fis-27 ta' Awissu 1991 giet ippublikata s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Kap ta' skola u r-rizultat gie ppubblikat fil-5 ta' Mejju 1992.  Jidher li r-rikorrent kien gie kklassifikat fis-36 post u gab 50 marka u l-ahhar persuna rakkomandata kienet fit-23 post.  Qal li fi Frar 1992 ir-rikorrent kien gie sekondat fuq bazi ta' seniority u l-Prim Ministru kien approva l-appointment tieghu f'Mejju 1992.  Qal ukoll li dak iz-zmien kien hemm ftehim bejn il-gvern u l-MUT li l-Kapijiet tal-iskejjel jigu appuntati 60% 'by seniority' u 40% by 'merit' u 'efficiency'.  Fl-ahhar nett spjega li meta jkun hemm sejha ghall-applikazzjoni il-P.S.C. tappunta bord ta' l-ghazla u jigu elenkati n-nies u wara jigu appuntati fil-grad skond il-vakanzi.

Xehdet Dr. Cecilia Borg Director Operations li mill-1956 sal-1993 kienet Kap ta' Skola f'tas-Samra l-Hamrun.  Qalet li kien hemm zmien bejn l-1987 u l-1990 meta r-rikorrent kien mar bhala Assistent Head of School.  Spjegat li hi kienet responsabbli mill-blokk ta' fuq u hu mill-blokk ta' isfel.  Qalet li l-kamra li kien juza r-rikorrent kienet kamra 'multi-purpose', mhux ufficjali ghal xoghol ta' ufficju.  Qalet li r-rikorrent kellu wkoll xoghol ta' preparazzjoni tal-ezamijiet, li jiccekkja li l-karti ta' l-ezamijiet huma lesti, u dan kien process li jsir darbtejn fis-sena u fih hafna responsabbilta`.  Qalet li fl-iskola tas-Samra kien hemm hafna tfal u hafna xoghol u s-Sur Fenech kien imur fil-

klassijiet u t-tfal kien jafhom izda qalet ukoll li hu kien imdejjaq hemm fl-iskola. Qalet dwar l-umdita` fl-iskola mhux il-kamra tas-Sur Fenech biss kienet umda izda dik il-parti kollha tal-iskola peress li kienet skola mibnija fi zmien iehor. Spjegat li Assistant Head ma jinghatax xoghol klerikali, hu ried jiehu hsieb li l-ghalliema qeghdin fil-hin, illi m'hemmx tfal jiggerrew u li kollox miexi kif suppost.

KONKLUZJONIJIET:
Jibda biex jinghad li fil-kors tal-kawza bdew jissemmew ilmenti ohra bhal post ta' Education Officer (Youth Service Organisation) u aspetti ohra tal-ilmenti. Dawn ma jistghux jigu kunsidrati mit-Tribunal ghax anqas biss kienu parti mir-rikors. Ghar-ragunijiet fuq imsemmija promozzjoni tal-1991 ukoll ma tistax tigi sindakata minn dan it-Tribunal.

Dwar it-transfer li ha r-rikorrent fl-1987 jinghad li t-Tribunal gja kellu diversi okkazjonijiet biex jippronunzja ruhu u fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:
"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp - infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

F' ebda hin matul il-kors tal-kawza ma nghatat raguni valida dwar it-transferiment tar-rikorrent u x' esigenzi tas-servizz kien hemm jew gie spjegat lit-Tribunal x' necessita` kien hemm ghal dan it-trasferiment. Inoltre rrizulta li meta r-rikorrent gie trasferit la gie moghti xoghol

impenjattiv (anzi ghamel sieghat twal ihares) u anqas kien qieghed f' ambjent kif suppost u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur tal-Edukazzjoni f' dan ir-rigward.

Dwar il-promozzjoni tal-1992 biex jigi pruvat li persuna kien haqqha promozzjoni mhux sufficjenti li ssir prova li persuna tkun kapaci u li ghandha personalita` tajba, izda hu necessarju li tingieb prova li wara li saru l-applikazzjonijiet giet appuntata persuna jew persuni li kienet jew kienu jimmeritahom anqas mir-rikorrent. Issa f' ebda stadju fil-kors tal-kawza r-rikorrent ma gab provi sufficjenti li juru li lahqu xi nies li kienu anqas kapaci minnu taht id-diversi aspetti ta' seniority, kwalifiki, personalita` u aspetti pozittivi ohra li normalment jitqiesu meta tinghata promozzjoni. Ma gewx indikati nies b' isimhom u moghtija dettalji dwarhom li juru likellhom anqas kwalitajiet pozittivi mir-rikorrent. Infatti hu veru li r-rikorrenti xtaq iressaq il-membri tal-P.S.C. u jaghmlilhom certu domandi u dawn irrispondew li huma prekluzi milli jirrispondu minhabba r-regoli vigenti izda xorta wahda jibqa' li biex it-Tribunal jirrakkomanda promozzjoni ta' persuna huwa necessarju li jkollu provi cari quddiemu li juru li saret ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 meta rikorrent ma jinghatax tali promozzjoni u minflok din tinghata lil persuni anqas meritevoli mir-rikorrent. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma sarx fil-kaz in ezami u ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Edukazzjoni f' dan ir-rigward.

Jinghad ukoll li r-rikorrent istitwixxa l-kawza mhux biss kontra d-Direttur tal-Edukazzjoni izda wkoll kontra l-Ministru ghall-Edukazzjoni. L-artikolu 181B tal-Kap 12 jagfhmilha cara li l-kawza ghandha tkun diretta kontra l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u ghalhekk jillibera lill-Ministru tal-Edukazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar it-trasferiment gustifikat, filwaqt li jichad l-ilmenti l-ohra, peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------